# MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum iz-19 t'Ottubru, 2016.**

**Rikors Numru 195/2008 SM**

**Antoine u Claudine konjugi Xerri**

**vs.**

**Bartolomeo *sive* Robbie u**
**Antoinette konjugi Debono**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-22 ta' Frar, 2008, li permezz tieghu r-rikorrenti Antoine Xerri sintetikament sostna s-segwenti:

1.1. Illi fl-20 ta' Frar, 2004, ir-rikorrenti kien hallas bilanc dovut mill-intimat Robbie Debono lis-socjeta` Burmarrad Commercials Limited fl-ammont ta' sitt elef, tmin mija u

hmistax- il Lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu, (Lm6,815.42), u pagament ta' erbgha u sebghin Lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu, (Lm74.58), komplessivament ammontanti ghal sitt elef, tmin mija u disghin Lira Maltin, (Lm6,890.00), (ara foll 4 u 5);

1.2. Illi l-hlas indikat fil-paragrafu precedenti sar bil-kundizzjoni specifika li l-intimat ihallas lura l-imsemmi ammont komplessiv sa z-19 ta' Frar, 2007;

1.3. Illi fl-4 ta' Settembru, 2004, ir-rikorrenti, f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' martu, kkostitwixxa skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu favur l-istess intimati fl-ammont t'erbatax -il elf, mitejn u disgha u tletin Lira Maltin, (Lm14,239.00), flimkien ma imghax legali dovut sal-pagament finali, liema somma l-intimati ircevew matul il-perjodu 2003 sal-2004, (ara foll 6);

1.4. Illi l-bilanc dovut naxxenti mill-imsemmi kostituzzjoni ta' debitu hu ta' erbghat elef, tlett mija u sitt Lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu, (Lm4,306.85);

1.5. Illi bhala garanzija ghas-self suespost ir-rikorrenti rregistra f'ismu l-vetturi indikati fl-istess rikors guramentat promotur, (ara foll 2), u pprometta li jittrasferixxi lura lill-intimat l-istess vetturi meta dan tal-ahhar ihallas l-ammont kollu minnu misluf, (ara foll 6);

1.6. Illi l-vetturi hemm imsemmija baqghu jintuzaw mill-intimat u mis-socjeta` tieghu *R & R Waste Kleaners Limited* u minn dik tat-tifel tieghu *R & A Waste Serices Limited*;

1.7. Illi tal-ahhar jirrizulta li ghandu diversi citazzjonijiet mhumiex imhallsa, u ta' dan kellu jaghmel tajjeb f'uhud minnhom l-istess rikorrenti;

1.8. Illi l-intimati effettwaw xi pagamenti lir-rikorrenti izda ghad baqa` bilanc mhux imhallas;

1.9. Illi ghalhekk l-intimati huma debituri tar-rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' sitta u ghoxrin elf, u disgha u sebghin Ewro, (€26,079.00);

1.10. Illi konsegwentement aderew din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.10.1. Tiddikjara lill-intimati responsabbli ghall-bilanc minnhom dovut lir-rikorrenti;

1.10.2. Tillikwida dan l-istess bilanc;

1.10.3. Tikkundanna lill-intimati jhallsu din il-bilanc;

1.10.4. Tiddikjara lill-intimat Robbie Debono responsabbli biex ihallas ic-citazzjonijiet tat-traffiku tal-vetturi in kwistjoni;

1.10.5. Tillikwida l-ammont dovut;

1.10.6. Tikkundanna lill-intimati jhallsu l-ammont hekk likwidat;

1.10.7. Bl-ispejjez kontra l-intimati;

2.0. Rat ir-risposta guramentata tal-intimati datata l-14 ta' Marzu, 2008, li permezz taghha rrispondew sintetikament is-segwenti:

2.1. Illi preliminarjament ir-rikors guramentat promotur hu null u minghajr effett, a tenur tal-artiklu 156(1) u 789(1)(c) u (d) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* li qed tintalab dikjarazzjoni li l-intimati huma "responsabbli ghall-bilanc dovut" minghajr ma giet mitluba dikjarazzjoni ta' xhiex hu dovut dan il-bilanc;

2.2. Illi fil-mertu jigi sintetikament sottolineat is-segwenti:

2.2.1. Illi l-ewwel tlett (3) talbiet tar-rikorrenti huma infondati *stante* li ebda bilanc m'hu dovut;

2.2.2. Illi r-raba` (4) sas-sitt (6) talba tar-rikorrenti huma wkoll infondati u dan, ghas-segwenti ragunijiet:

2.2.2.i. Spetta lir-rikorrenti li jgibu prova tac-citazzjoni tat-traffiku allegatament minnhom imhallsa;

2.2.2.ii. Kwalsijasi citazzjoni tat-traffiku hu responsabbli ghalihom il-licenzjatarju, senjatament ir-rikorrenti;

2.2.2.iii. Ma tistax issir talba ghall-rimbors ta' hlas ta' citazzjoni li mhiex gia` imhallsa;

2.2.2.iv. Illi c-citazzjonijiet inghataw tort tar-rikorrenti *stante* r-rifjut tieghu li jittrasferixxi l-vetturi in kwistjoni f'isem l-intimat u konsegwentement, ghandu jwiegeb ghalihom l-istess rikorrenti;

2.2.3. Illi konsegwentement it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

3.0. Illi permezz tal-istess risposta in dizamina l-intimati pprezentaw il-kontro-talbiet taghhom fejn sintetikament esponew is-segwenti:

3.1. Illi l-kontendenti ffirmaw diversi skritturi privati li permezz taghhom l-intimati rikonvenzjonanti kkostitwew ruhhom debituri tar-rikorrenti;

3.2. Illi bhala garanzija r-rikorrenti rikonvenzjonant zamm il-vetturi hemm indikati f'ismu, (ara foll 14);

3.3. Illi minkejja li d-debitu in dizamina gie saldat, ir-rikorrenti rikonvenzjonat jirrifjuta li jittrasferixxi l-istess vetturi favur l-intimati rikonvenzjonanti;

3.4. Illi l-vetturi in dizamina huma tat-tip kummercjali li minnhom l-intimat rikonvenzjonanti jghajjex lill-familja tieghu;

3.5. Illi *di piu`*, ir-rikorrenti rikonvenzjonat qieghed jaghmel rapport malizzjuz fir-rigward;

3.6. Illi ghalhekk qieghed jikkawza danni ingenti lill-intimat rikonvenzjonanti;

3.7. Illi ghalhekk jitlob lil din il-qorti tghid ghaliex m'ghandiex:

3.7.1. Tiddikjara lir-rikorrenti rikonvenzjonati huma obbligati jaghmlu dawk l-atti necessarji biex idawwru l-licenzji tal-vetturi in dizamina f'isem l-intimati rikonvenzjonanti;

3.7.2. Tinnomina kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lir-rikorrenti rikonvenzjonati fl-eventwalita` tal-kontumacja taghhom, jew min minnhom, bl-iskop li l-licenzji tal-vetturi in dizamina jiddawru f'isem l-intimati rikonvenzjonanti;

3.7.3. Tiddikjara li r-rikorrenti rikonvenzjonanti, jew min minnhom, qed jikkawzaw danni ingenti lill-intimati rikonvenzjonanti;

3.7.4. Tillikwida d-danni sofferti mill-istess intimati rikonvenzjonanti rizultat tal-imsemmi agir;

3.7.5. Tikkundanna lir-rikorrenti rikonvenzjonati solidalment jew min minnhom, ghall-hlas tad-danni hekk likwidati lill-intimati rikonvenzjonanti;

3.7.6. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess kontro-talba kontra r-rikorrenti rikonvenzjonati;

4.0. Rat ir-risposta tar-rikorrenti rikonvenzjonati datata l-25 ta' Marzu, 2008, li permezz taghha wiegbu sintetikament bil-mod segwenti:

4.1. Illi preliminarjament il-kontro-talba hi nulla u minghajr effett *stante* li mhux lecitu li kontroparti taghmel kontro-talba fuq mertu estranju ghat-talba promotrici;

4.2. Illi d-debitu involut mhux saldat;

4.3. Illi l-vetturi in dizamina huma proprjeta` tar-rikorrenti rikonvenzjonat izda fil-pussess tal-intimati rikonvenzjonanti;

4.4. Illi t-talba ghat-trasferiment tal-vetturi ma tistax titwettaq minhabba divjet legali;

5. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-12 ta' Marzu, 2009, li permezz tieghu appuntat lill-assistent gudizzjarju hemm indikata biex tisma` l-provi kollha f'din il-kawza, (ara foll 31), li sussegwentement giet mahtura bhala perit legali biex tkompli f'din il-procedura permezz tad-digriet taghha datat l-10 ta' Jannar, 2012, (ara foll 93);

6. Rat ir-relazzjoni tal-perit legali pprezentata *in atti* fil-25 ta' Frar, 2015, (ara foll 232 *et sequitur*);

7. Rat id-digriet taghha datat it-30 ta' Gunju, 2015, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-istess abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 280), u kif sussegwentement estizi, (ara foll 281 u 286);

8. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata l-11 ta' Dicembru, 2015, (ara foll 282), flimkien ma dik tal-intimati datat t-2 ta' Mejju, 2016, (ara foll 288);

9. Semghet ix-xhieda kollha prodotta;

10. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti, inkluzi d-dikjarazzjonijiet guramentati u x-xhieda mismugha mill-perit legali fuq indikata;

11. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

12.1. Illi r-rikorrenti jsostnu li ghandhom jiehdu s-segwenti somom minghand l-intimati:

12.1.1. €16,048.31 ghall-pagament li huma ghamlu ghall-intimati lil *Burmarrad Commercials Limited*, (ara foll 5 u 76);

12.1.2. €10,031.00 bilanc lilhom dovut mill-intimati wara l-kostituzzjoni ta' debitu, (ara foll 6), u wara diversi pagamenti ta' citazzjonijiet fuq vetturi li kienu f'isem ir-rikorrenti bhala garanzija tal-pagament, liema vetturi baqghu fil-pussess tal-intimati;

12.2. Illi l-intimati jirribattu li d-dejn taghhom favur ir-rikorrenti kien biss dak koncernanti s-socjeta` *Burmarrad Commercials Limited*, liema dejn thallas kollu, (ara foll 106 u 191(a));

Ikkunsidrat:

13.0. Illi in vista tar-relazzjoni peritali pprezentata fir-rigward jinghad sintetikament is-segwenti:

13.1. Illi fir-rigward tat-talbiet tar-rikorrenti, jinghad li l-piz tal-prova fir-rigward hi fuq ir-rikorrenti;

13.2. Illi fil-kamp civili l-grad tal-prova rikjest hu dak li r-rizultanzi jkunu sufficjenti li jnisslu certezza morali f'mohh il-gudikant liema certezza tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanc ta' probabilitajiet, (ara ***Caruana vs. Laurenti*, *Prim' Awla tal-Qorti Civili***, datata t-***8 t'April, 1994***; ***Borg vs. Manager tal-Intrapriza tal-Halib***, ***Prim' Awla tal-Qorti Civili***, datata iz-***17 ta' Lulju, 1981***; ***Vassallo vs. Pace***, ***Vol. LXX. II. 144***; u ***Zammit vs. Petrocchino***, ***Appell Kummercjali***, datata l-***25 ta' Frar, 1952***;

13.3. Illi kif irriteniet il-***Qorti tal-Appell***, (***Sede Inferjuri***) fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***Emanuel Ciantar vs. David Curmi nomine***, datata t-***28 t'April, 2004***:

> "Fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu, f'kawza civili, d-dolo jista` jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet u indizji, purke sintendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu msejjah biex jiggudika;

> "Huwa ben maghruf, f'materja konsimili, li mhux kwalunkwe konflitti, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil-provi, ghandhom ihallu lill-qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom, ma tkunx tista` tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa` fuq ir-regola ta' "*in dubio pro reo*";

13.4. Illi ghalhekk hu pacifiku li fil-kamp civili il-kriterju li fuqu tistabbilixxi l-konkretezza tal-prova mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni fornita lilu, izda jekk tali spjegazzjoni hix wahda verosimili;

13.5. Illi ghalhekk hu sufficjenti f'dan il-kamp li l-gudikant jistrieh fuq bilanc ta' probabilita` - kriterju ferm differenti minn dak utilizzat fil-kamp kriminali fejn il-htija t'imputat trid tirrizulta minghajr dubju ragonevoli;

13.6. Illi kif affermat mill-***Prim' Awla tal-Qorti Civili*** fil-kawza fl-ismijiet ***Maria Stella Borg vs. Joseph Cassar et***, datata l-***25 t'April, 2002***:

> "Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli"

Ikkunsidrat:

14. Illi tenut kont tas-suespost, taghmel referenza ghar-relazzjoni peritali tal-abbli perit legali u *stante* jirrizulta li l-istess perit legali ghamlet apprezzament gust tal-provi imressqa quddiema, tiddikjara li tikkondividi l-konsiderazzjonijiet u l-konkluzzjonijiet tal-istess u *stante* li m'ghandha xejn x'ticcensura fir-rigward, a skans ta' ripetizzjoni u dilungar inutili, tiddikjara li qed taghmel taghha r-*ratio decidenti* hemm epurat flimkien mal konkluzzjonijiet li l-istess abbli periti legali wasslet ghalihom;

15.0. Illi in vista tal-premess, tasal ghas-segwenti konkluzzjonijiet:

**DECIDE:**

15.1. Illi takkolji l-ewwel talba tar-rikorrenti limitatament ghal bilanc fl-iskrittura tal-kostituzzjoni ta' debitu datata l-4 ta' Settembru, 2004, oltre l-interessi dovuti, u konsegwentement:

15.1.1. Tiddikjara lill-intimati biex ihallsu lir-rikorrenti l-bilanc rizultanti mill-kostituzzjoni ta' debitu datata l-4 ta' Settembru, 2004, flimkien mal-interessi dovuti mill-prezentata tar-rikors guramentat promotur sad-data tal-effettiv pagament;

15.1.2. Tillikwida l-bilanc riferit fil-paragrafu precedenti fl-ammont ta' tlett elef, hames mija u hdax -il Ewro u ghaxar centezmi, (€3,511.10), oltre l-imghaxijiet dovuti fuq l-istess ammont mill-10 t'Ottubru, 2004, sad-data tal-effettiv pagament;

15.1.3. Tikkundanna lill-intimati biex ihallsu l-ammont hekk likwidat fil-paragrafu precedenti lir-rikorrenti;

15.1.4. Tiddikjara wkoll lill-intimati huma responsabbli biex ihallsu lir-rikorrenti c-citazzjonijiet tat-traffiku mhallsa mir-rikorrenti fil-konfront tal-vetturi in dizamina;

15.1.5. Tillikwida l-ammont ta' citazzjonijiet hekk imhallsa fl-ammont ta' elf erba` mija u disa` euro u hames centezmi, (€1,409.05), u dan, mid-data tar-rikors guramentat promotur, it-22 ta' Frar, 2008;

15.1.6. Tikkundanna wkoll lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat f'citazzjonijiet imhallsa;

Ikkunsidrat:

16.0. Illi fir-rigward tal-kontro-talba pprezentata mill-intimati rikonvenzjonanti, jinghad is-segwenti:

**DECIDE**:

16.1. Illi l-ewwel talba rikonvenzjonanti qed tigi respinta;

16.2. Illi t-tieni u t-tielet talba rikonvenzjonanti qed jigu milqugha limitatament ghal zewg (2) vetturi, senjatament dawk bin-numri ta' registrazzjoni IBA – 664 u KAT – 746, u tordna li t-trasferiment tal-licenzja taghhom isir biss meta l-intimati jhallsu l-bilanc minnhom dovut lir-rikorrenti;

16.3. Illi r-raba`, l-hames u s-sitt talbiet rikonvenzjonanti qed jigu respinti;

17. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-istess intimati.

___________________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**